

Brussell, 27 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13350/20

FISC 226
ECOFIN 1097

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 12979/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar sfidi fil-qasam tat-taxxa b'rabta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmija hawn fuq approvati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fis-27 ta' Novembru 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar tassazzjoni ġusta u effettiva fi żminijiet ta' rkupru, dwar sfidi fil-qasam tat-taxxa b'rabta mad-diġitalizzazzjoni u dwar il-governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha

I. Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet ġenerali

Il-Kunsill:

1. JENFASIZZA li sistemi ta' tassazzjoni ġusti u effettivi fl-Istati Membri huma essenzjali għall-irkupru sostenibbli tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi u ser jikkontribwixxu għar-rispons għall-kriżi bla preċedent fil-qasam tas-saħħa, billi jirrikjedu politiki tat-taxxa li jġġeneraw dħul kemm għall-baġits nazzjonali kif ukoll għal dawk tal-UE u jqisu l-effetti tal-kriżi fuq l-ekonomija; dawn is-sistemi ser jippermettu tranżizzjoni mingħajr xkiel lejn għanijiet ta' politika ta' kompetittività sostenibbli, lejn il-Patt Ekoloġiku Ewropew u lejn użu sħiħ tal-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni f'ekonomija globali;
2. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020, li jissottolinjaw il-ħtieġa ta' sforz bla preċedent u approċċ innovattiv li jrawwem il-konverġenza, ir-reżiljenza u t-trasformazzjoni tal-UE biex jiġu indirizzati l-effetti tal-kriżi tal-COVID-19; li l-Kunsill Ewropew iddikjara li l-UE, matul il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, ser taħdem lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji addizzjonali, li bħala bażi għalihom il-Kummissjoni ser tressaq proposti dwar mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera u dwar imposta diġitali. Barra minn hekk, kien hemm qbil li l-Unjoni ser taħdem biex tintroduċi riżorsi proprji oħra, li jistgħu jinkludu Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji;

3. JILQA' L-FATT li l-Kummissjoni ressqet Komunikazzjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru u Komunikazzjoni dwar governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha;
4. JENFASIZZA li t-tnaqqis tal-ostakli tat-taxxa għan-negozji fis-suq uniku tal-UE, il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u prattiki inġusti oħra kif ukoll il-promozzjoni ta' kooperazzjoni aktar effettiva bejn l-awtoritajiet tat-taxxa fl-iżgurar tal-kontroll u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi huma fost l-oġettivi ewlenin tal-politika tat-taxxa tal-UE; u JIRRIKONOXXI li waqt li għandha ssir ħidma fuq inizjattivi ġodda ta' politika dwar it-taxxa, għandha ssir enfasi wkoll sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni eżistenti fil-qasam tat-taxxa tiġi infurzata u sabiex tittejjeb l-osservanza tal-obbligi u l-kooperazzjoni fil-qasam tat-taxxa;
5. JENFASIZZA li kwalunkwe miżura u inizjattiva ulterjuri għal tassazzjoni ġusta u effettiva għandha twassal għall-kisba tal-oġettivi tal-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa u tagħmel it-tassazzjoni sempliċi u effettiva, filwaqt li tqis il-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri u d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom, u tirrispetta l-kompetenza tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni;
6. JINNOTA li t-tassazzjoni indiretta tista' tintuża bħala strument ta' politika biex tappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija "ekoloġika" u tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tan-newtralità klimatika, kif ukoll oġettivi ambjentali oħra tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; u li trid tittieħed azzjoni fil-qasam tal-politika dwar it-taxxa indiretta b'kunsiderazzjoni xierqa għall-impatt ekonomiku u soċjali u l-ispeċifitàjiet tal-ekonomiji nazzjonali tal-Istati Membri u, fejn tittieħed azzjoni bħal din, tiġi żgurata tranżizzjoni bla skossi;

II. Tassazzjoni diretta, inkluż l-indirizzar tal-isfidi fil-qasam tat-taxxa tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija

Sfidi li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija

7. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar "Ir-reazzjoni għall-isfidi tat-tassazzjoni tal-profitti tal-ekonomija diġitali", kif ukoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 u t-23 ta' Ġunju 2017, li enfasizzaw il-ħtieġa ta' approċċ "olistiku" biex jiġu ffaċċjati l-isfidi u jintużaw l-opportunitajiet tad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija, u JINNOTA l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020, fejn hemm imsemmi li l-Kunsill Ewropew ser "jivvaluta wkoll is-sitwazzjoni rigward il-ħidma fuq il-kwistjoni importanti tat-tassazzjoni diġitali" f'Marzu 2021;
8. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020 li fihom huwa nnutat li l-Kummissjoni, bħala bażi għal riżorsi proprji addizzjonali, ser tippreżenta fl-ewwel semestru tal-2021 proposta għal imposta diġitali, bil-ħsieb li tiġi introdotta sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2023 u JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tqis ukoll in-negozjati li għaddejjin bħalissa għal Qafas Inklużiv tal-OECD dwar il-BEPS;
9. JILQA' l-progress sinifikanti li sar fil-livell tal-Qafas Inklużiv tal-OECD dwar il-BEPS għall-aġġornament tal-qafas internazzjonali tat-tassazzjoni korporattiva u JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu għal dak il-proċess li jikkonsisti minn żewġ pilastru: il-Pilastru 1 huwa ffukat fuq ir-rabta u l-allokazzjoni tal-profitti filwaqt li l-Pilastru 2 huwa ffukat fuq taxxa minima globali maħsuba biex tindirizza l-kwistjonijiet li fadal dwar l-Erozzjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS);

10. JILQA' r-rapporti dwar il-"blueprints" għall-Pilastru 1 u 2 approvati għall-ħruġ pubbliku fil-laqgħa tal-Qafas Inklużiv tal-OECD fit-8 u d-9 ta' Ottubru 2020; JINNOTA li l-iskeda ta' żmien biex jintlaħaq kunsens internazzjonali ġiet estiża għal nofs l-2021 u JAPPOĠĠA aktar ħidma biex jintlaħaq qbil finali dwar iż-żewġ pilastri fil-kuntest tal-Qafas Inklużiv tal-OECD dwar il-BEPS;
11. JIKKONFERMA l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-ħidma fil-Qafas Inklużiv tal-OECD dwar il-BEPS bil-għan li tinstab soluzzjoni globali bbażata fuq il-kunsens sa mhux aktar tard minn nofs l-2021, b'kont meħud tal-interessi tal-Istati Membri kollha sabiex jiġi żgurati li l-korporazzjonijiet kollha jħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxa fuq il-profitti ġenerati mill-attivitàjiet tagħhom fl-UE u JITLOB lill-Kummissjoni biex tkompli, b'mod attiv, tissorvelja l-aspetti tad-dritt tal-UE u tipprovi għarfien espert dwarhom lill-Istati Membri, filwaqt li tqis in-negozjati li għaddejjin bħalissa fil-Qafas Inklużiv tal-OECD dwar il-BEPS;
12. JESPRIMI r-rieda tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jesploraw il-possibiltajiet li, bil-mezzi legali adatti, jiġi implimentat il-ftehim globali li għandu jintlaħaq fil-Qafas Inklużiv tal-OECD dwar il-BEPS mill-aktar fis possibbli u JFAKKAR li l-Kunsill Ewropew ser jivvaluta l-kwistjoni f'Marzu 2021, u JITLOB lill-Kummissjoni timpenja ruħha fuq dik il-bażi fil-ħidma preparatorja rilevanti fil-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem f'konformità mad-dritt tal-UE, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-ekonomija diġitali relatati mat-taxxa, inkluż fin-nuqqas ta' kunsens internazzjonali sa nofs l-2021;

Tassazzjoni diretta – kwistjonijiet oħra

13. ITENNI li t-tassazzjoni diretta hija kwistjoni ta' kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri, u JIKKUNSIDRA li Suq Uniku tal-UE li jiffunzjona tajjeb u kompetittiv jista' jiġġustifika azzjonijiet koordinati fejn ikun meħtieġ li l-qafas tat-tassazzjoni jiġi aġġustat biex ikun adatt għal ekonomija moderna u dejjem aktar diġitalizzata, kemm fil-livell globali kif ukoll fil-livell tal-UE;
14. JISSOTTOLINJA li aġġustament tal-qafas tat-tassazzjoni huwa partikolarment importanti biex jappoġġa t-tkabbir u li l-korporazzjonijiet kollha għandhom iħallsu s-sehem ġust tagħhom ta' taxxa fuq il-profitti ġġenerati minn attivitajiet fl-UE kif imsemmi fil-paragrafu 11 ta' dawn il-konklużjonijiet;
15. JINNOTA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq inizjattivi fil-qasam tat-tassazzjoni korporattiva u tat-tassazzjoni ta' dħul kif ukoll il-kooperazzjoni amministrattiva kif deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi, b'mod partikolari dwar determinazzjoni aktar konsistenti tar-residenza għall-finijiet ta' taxxa fl-Istati Membri, dwar l-introduzzjoni ta' sistema komuni u standardizzata fl-UE kollha għall-ħelsien mit-taxxa minn ras il-ġhajn, u dwar l-istabbiliment ta' grupp ta' esperti dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, u JILQA' l-ħidma fil-livell tekniku;

III. Taxxa fuq il-Valur Miżjud

16. JAPPOĠĠA s-suġġeriment tal-Kummissjoni li r-regoli tal-UE dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) jiġu ċċarati, issimplifikati u mmodernizzati; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-proposti potenzjali kollha tagħha jiġu vvalutati b'mod sħiħ f'termini tal-ispejjeż u l-benefiċċji ekonomiċi, amministrattivi u soċjali tagħhom għall-kontribwenti u għall-awtoritajiet tat-taxxa, inkluż l-impatt tagħhom fuq il-kapaċitajiet tal-IT u fuq id-drittijiet fundamentali, bħall-protezzjoni tad-data personali; u JAPPREZZA l-tkompli tad-djalogu mal-Istati Membri u d-diskussjonijiet tekniċi ta' proposti diġà mnedija;
17. JAPPOĠĠA azzjonijiet li jwasslu għal aktar simplifikazzjoni tal-kummerċ transfruntier tal-UE, għat-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi għan-negozji kif ukoll għall-awtoritajiet tat-taxxa u għal ġlieda aktar effiċjenti kontra l-frodi tal-VAT, b'mod partikolari permezz tat-tiġib tal-effettività u l-effiċjenza tar-reġistrazzjoni tal-kontribwenti suġġetti għall-VAT fl-UE u tal-użu tad-data tal-kontribwenti; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprovdi analiżi ta' miżuri potenzjali biex tkompli tnaqqas il-ħtieġa għal reġistrazzjonijiet multipli fi Stati Membri differenti u biex tikkunsidra, kif adatt, il-ħruġ ta' proposti f'dan ir-rigward; JIRRIKONOXXI, fil-kunsiderazzjoni tal-estensjoni tal-Punt Uniku ta' Servizz tal-VAT, il-ħtieġa ta' valutazzjoni tal-funzjonament u, jekk ikun xieraq biex tiġi żgurata l-effettività tiegħu, aġġustament tar-regoli tal-UE dwar il-VAT li ġew adottati reċentement inkluż l-użu attwalment mhux obligatorju tal-Punt Uniku ta' Servizz tal-VAT fir-rigward tal-Importazzjoni f'bejgħ transfruntier ta' merkanzija jew servizzi;

18. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' rappurtar preċiż u effiċjenti tal-informazzjoni neċessarja min-negozji lill-awtoritajiet tat-taxxa għal tassazzjoni aktar effiċjenti u reżistenti għall-frodi; JILQA' l-inizjattiva mħabbra mill-Kummissjoni għall-modernizzazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar għal tranżazzjonijiet transfruntiera fl-UE u l-analiżi tal-ħtieġa li l-obbligi ta' rappurtar għal tranżazzjonijiet domestiċi jiġu armonizzati ulterjorment, filwaqt li jiġu żgurati l-preċiżjoni u s-sigurtà tal-informazzjoni rappurtata; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli d-djalogu mal-Istati Membri u l-partijiet interessati dwar l-istruttura futura tal-obbligi ta' rappurtar; JAPPOĠĠA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina l-ħtieġa ta' aktar espansjoni tal-fatturazzjoni elettronika; JENFASIZZA li għandu jiġi esplorat l-użu ta' teknoloġiji ġodda biex tittejjeb l-effiċjenza tar-rappurtar u l-kontroll tad-data;
19. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina l-ħtieġa li l-qafas tal-VAT jiġi adattat għall-ekonomija tal-pjattaformi, inkluż valutazzjoni bir-reqqa tat-trattament tal-VAT tat-tranżazzjonijiet bejn l-utenti ffaċilitati mill-pjattaformi, tan-natura tas-servizzi pprovduti mill-pjattaformi u tar-rwol potenzjali tal-pjattaformi fil-ġbir tal-VAT;
20. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi dalwaqt, fejn xieraq, li r-regoli għall-kontribwenti, b'mod partikolari r-regoli tal-VAT għas-servizzi finanzjarji u l-aġenti tal-ivvjaġġar, jiġu ssimplifikati u aġġornati; JAPPOĠĠA l-objettiv tal-Kummissjoni li tiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni u fil-konfront ta' pajjiżi terzi; JENFASIZZA li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-kompetittività tas-setturi rispettivi u l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuqhom u ż-żieda tal-esternalizzazzjoni tas-servizzi tal-input minn operatori finanzjarji, tal-assigurazzjoni u oħrajn bi dritt limitat għal tnaqqis tal-VAT fuq ix-xiri;

21. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tas-settur tat-trasport tal-passiġġieri li jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; JISSOTTOLINJA l-importanza tas-settur tat-trasport internazzjonali bl-ajru u bil-baħar għaċ-ċittadini, l-ekonomija u l-konnettività tal-UE; IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar qafas tat-tassazzjoni tal-enerġija tal-UE; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis l-ispeċifitàjiet, l-eżenzjonijiet, id-dimensjoni internazzjonali u l-impatt kontinwu tal-kriżi tal-COVID-19 fuq is-settur tat-trasport, fil-ħidma li għandha titwettaq fir-rigward tat-trattament tal-VAT tat-trasport tal-passiġġieri;
22. JAPPREZZA r-rwol importanti u l-kontribut tal-Eurofisc fil-kooperazzjoni amministrattiva u fil-ġlieda kontra l-frodi transfruntiera tal-VAT; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tal-miżuri attwali biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tal-VAT; JAPPOĠĠA l-oġġettiv tal-Kummissjoni li tanalizza kif il-Eurofisc jista' jkompli jittejjeb; JISTENNA B'INTERESS il-valutazzjoni tal-impatt ta' titjib possibbli (Eurofisc 2.0), li għandha tkopri wkoll il-kwistjonijiet tal-protezzjoni tad-data u s-sigurtà, l-aspetti tal-ispejjeż u d-dħul u l-użu ta' teknoloġiji u għodod tal-IT ġodda; u JENFASIZZA, f'dan il-kuntest, l-importanza li tinżamm il-flessibilità u l-operabbiltà tiegħu;
23. JILQA' l-oġġettiv li jissaħħu l-verifiki ta' tranżazzjonijiet transfruntiera u li tingħata spinta lill-investigazzjonijiet transfruntiera u li, fejn xieraq u fattibbli, il-kondiviżjoni tad-data tibda ssir b'mod awtomatizzat permezz ta' sistemi elettroniċi interoperabbli u li jiġu ffaċilitati l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tad-data; JENFASIZZA l-importanza assoluta tal-protezzjoni tad-data, is-sigurtà tad-data u l-kwalità tad-data, inkluż, fejn xieraq, id-disponibilità ta' data preċiża u affidabbli f'ħin reali;

24. JAPPOĠĠA d-djalogu tekniku esploratorju li qed isir mal-pajjiżi terzi dwar il-possibiltajiet għal ftehimiet fil-livell tal-UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru ta' pretensjonijiet fil-qasam tal-VAT; u JISTENNA B'INTERESS li jirċievi, fi żmien debitu u kif xieraq, proposta tal-Kummissjoni għal mandat biex jinbdew negozjati formali mal-aktar sħab ekonomiċi rilevanti tal-UE; JENFASIZZA li l-ħtiġijiet tal-Istati Membri għandhom jiġu kkunsidrati b'attenzjoni meta jiġu stabbiliti l-kriterji li għandhom jiġu applikati, inkluż fir-rigward tar-reċiproċità u l-aċċess għad-data fi ftehimiet futuri bħal dawn f'dan il-qasam bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi. B'mod partikolari, fi kwalunkwe ftehim futur possibbli, l-iskambju ta' informazzjoni mmirata permezz tan-network Eurofisc stabbilit skont il-Kapitolu X tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 għandu jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u possibbli għall-ġlieda kontra l-frodi transfruntiera bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi u li aspetti bħal dawn għandhom jiġu definiti b'mod ċar fi kwalunkwe mandat futur għan-negozjati;
25. JAPPOĠĠA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li torganizza Konferenza dwar l-analitika tad-data u s-soluzzjonijiet diġitali bħala pjattaforma għall-iskambju ta' fehmiet u esperjenzi;
26. JINNOTA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta biex jiġu riveduti l-kompetenzi tal-Kumitat tal-VAT u jiġi stabbilit Kumitat tal-Komitoloġija tal-VAT; JIKKONFERMA l-ħtieġa għal diskussjoni profonda dwar l-identifikazzjoni tal-aħjar mod biex jiġu żgurati aktar ċertezza legali u applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-VAT fl-UE, għall-benefiċċju kemm tal-awtoritajiet tat-taxxa kif ukoll tal-persuni taxxabli, b'enfasi partikolari fuq kwistjonijiet tal-VAT li jinħolqu f'każ ta' attivitajiet ekonomiċi transfruntiera f'diversi Stati Membri;

27. JIRRIKONOXXI li t-tassazzjoni doppja jew in-nontassazzjoni f'diversi każijiet transfruntiera jistgħu jkunu problema għall-kontribwenti u għall-awtoritajiet tat-taxxa; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli d-djalogu kunċettwali mal-Istati Membri u l-Partijiet Interessati dwar modi li jirrispettaw il-prinċipju tas-sussidjarjetà u r-rwol tal-ġudikatura fil-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' tilwim dwar il-VAT, jew billi ttejjeb il-mekkaniżmi li jeżistu diġà jew billi tesplora soluzzjonijiet oħra inkluż mekkaniżmu għall-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' tilwim għall-VAT;
28. JIEĦU NOTA tad-diskussjoni li għaddejja dwar diversi aspetti tal-proposti leġiżlattivi dwar sistema definittiva tal-VAT għall-kummerċ transfruntier ta' merkanzija u dwar ir-rati tal-VAT.

IV. Dazji tas-sisa

29. JINNOTA li reċentement il-Kunsill adotta għadd ta' atti legali fil-qasam tad-dazji tas-sisa; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tadotta l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni li huma meħtieġa biex dawn l-atti legali jiġu applikati fil-prattika;
30. JENFASIZZA li d-dazji tas-sisa jikkostitwixxu sors sinifikanti ta' dħul għall-baġits tal-Istati Membri, il-qafas xieraq tad-dazju tas-sisa jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-UE, u d-dazji tas-sisa jgħinu wkoll biex jintlaħqu objettivi ta' politika oħra ta' interess pubbliku, pereżempju fl-oqsma tas-saħħa, il-protezzjoni tal-ambjent, u t-trasport, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u t-trattati internazzjonali rilevanti;
31. IFAKKAR, f'dan il-kuntest, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2019 dwar qafas tat-tassazzjoni tal-enerġija tal-UE u l-konklużjonijiet tat-2 ta' Ġunju 2020 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa fuq it-tabakk manifatturat u l-partijiet rilevanti tal-konklużjonijiet tal-5 ta' Diċembru 2017 dwar ir-rapport tal-Kummissjoni dwar id-Direttiva 2008/118/KE;

32. ITENNI l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tqis dawk il-konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li tkompli l-ħidma tagħha li għandha l-għan li ttejjeb il-funzjonament ġenerali tar-regoli dwar id-dazji tas-sisa u abbażi ta' informazzjoni aġġornata u wara li twettaq l-analiżi teknika, il-konsultazzjonijiet pubbliċi u l-valutazzjonijiet tal-impatt meħtieġa, tippreżenta proposti leġiżlattivi rilevanti lill-Kunsill li jindirizzaw, kif xieraq, il-kwistjonijiet imsemmija f'dawn il-konklużjonijiet;
33. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta dwar l-aspetti tal-kummerċ elettroniku u l-akkwiżizzjonijiet transfruntiera ta' merkanzija soġġetta għas-sisa minn individwi privati fir-rigward tad-dazji tas-sisa u proposta għar-reviżjoni tal-qafas tat-tassazzjoni tal-enerġija. B'kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2020 dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa applikati fuq it-tabakk manifatturat, il-Kummissjoni hija mistiedna tressaq l-proposta leġiżlattiva tagħha għall-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa applikati fuq it-tabakk manifatturat fl-2021;

V. Kooperazzjoni amministrattiva

34. JIKKONFERMA l-fehma tiegħu li t-titjib tal-kooperazzjoni u l-kapaċitajiet amministrattivi, kif ukoll l-istabbiliment ta' fiduċja aktar profonda bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni jibqgħu parti importanti tal-isforz komprensiv tal-UE biex jittrażżnu l-frodi tat-taxxa, l-evazzjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, li huma fost it-theddid ewlieni għad-dħul pubbliku;
35. JILQA' l-fatt li l-Kummissjoni qed tqis il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2020 dwar l-evoluzzjoni futura tal-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni fl-UE, kif ukoll l-oġġettivi stabbiliti fid-Direttiva 2011/16/UE; u li sabiex tindirizza l-aktar kwistjonijiet urġenti bħala prijorità, bħall-isfidi li jirriżultaw mill-ekonomija tal-pjattaformi diġitali, kif ukoll biex temenda u ssaħħa għadd ta' dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tintroduċi gradwalment il-proposti leġiżlattivi sabiex tiffaċilita l-progress leġiżlattiv, kif mitlub mill-Kunsill;

36. JIRRIKONOXXI li l-iżvilupp rapidu u l-użu dejjem jiżdied madwar id-dinja ta' mezzi alternattivi ta' ħlas u investiment – bħall-kriptoassi u l-flus elettroniċi – jistgħu jdgħajfu l-progress li sar fit-trasparenza tat-taxxa f'dawn l-aħħar snin u joħolqu riskji sostanzjali ta' frodi tat-taxxa, evażjoni tat-taxxa u evitar tat-taxxa; u li huwa importanti li ssir diskussjoni fil-livell tekniku dwar kif għandhom jiġu aġġornati r-regoli dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fi ħdan l-UE u fil-livell globali sabiex jiġu indirizzati dawn ir-riskji potenzjali;
37. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni kif espressa fil-Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tipproponi aktar emendi għad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni, u b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva tal-awtoritajiet tat-taxxa fir-rigward tal-iskambju ta' data rilevanti għat-taxxa għall-mezzi alternattivi ta' pagament u investiment imsemmija hawn fuq; JENFASIZZA li din il-ħidma għandha titwettag b'mod konsistenti mal-OECD;
38. JEMMEN li huwa ta' importanza assoluta li jiġi żgurat li s-sistema tal-UE għall-kooperazzjoni amministrattiva tiġi żviluppata b'tali mod li l-obbligi ta' rappurtar ma jirriżultawx f'piż amministrattiv sproporzjonatament ikbar fuq l-entitajiet tan-negozju kkonċernati, filwaqt li jiġi żgurat li l-awtoritajiet tat-taxxa jirċievu l-informazzjoni rilevanti mingħand il-kontribwenti b'mod effettiv;

39. JENFASIZZA li, sabiex isir użu effiċjenti u effettiv mid-data tal-kontribwenti, huwa importanti li jkun hemm skambju ta' data ta' kwalità tajba ħafna, armonizzat, standardizzat, magħmul sigur u awtomatizzat li jikkontribwixxi għall-komparabbiltà u l-interoperabbiltà għall-fini ta' kooperazzjoni amministrattiva, fl-oqsma kemm tat-tassazzjoni diretta kif ukoll tat-tassazzjoni indiretta; JISTIENEN lill-Kummissjoni biex tanalizza kif jista' jinħoloq qafas legali effiċjenti u fattibbli kemm għall-awtoritajiet tat-taxxa kif ukoll għan-negozji, filwaqt li tqis l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u tal-manutenzjoni;
40. JENFASIZZA li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u Pajjiżi Terzi qed jitwettaq esklużivament u neċessarjament għal raġunijiet importanti ta' interess pubbliku, bħal ma huma t-trażżin tal-frodi tat-taxxa, tal-evazzjoni tat-taxxa u tal-evitar tat-taxxa, u li għalhekk għandu jiġi kkunsidrat sew l-allinjament ulterjuri bejn ir-regoli tal-UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali; u li l-oġġettiv tal-protezzjoni tad-data personali ma għandux ifixkel il-protezzjoni tal-interessi pubbliċi u lanqas idgħajjef l-isforzi fit-tul tal-Kunsill biex tiġi żgurata t-trasparenza tat-taxxa;

VI. Amministrazzjoni tat-taxxa u konformità mar-regoli tat-taxxa

41. JINNOTA l-inizjattiva mistennija tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-kontribwenti, JAQBEL li l-forma ta' komunikazzjoni hija pass inizjali adatt ta' sensibilizzazzjoni f'dan il-qasam u JAPPELLA biex issir aktar analiżi f'dan ir-rigward, biex ikun iffaċilitat kwalunkwe dibattitu futur dwar din il-kwistjoni;
42. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li titkompla l-ħidma fuq it-titjib tal-effiċjenza tal-kontroll tal-konformità mar-regoli tat-taxxa fl-UE, u, minħabba l-iżvilupp rapidu tat-teknoloġija, li jiġu żviluppati mudelli jew mekkaniżmi standard tal-ipproċessar tad-data għall-finijiet tal-ġbir tad-dħul u l-identifikazzjoni tar-riskji ta' frodi tat-taxxa, sabiex l-utilità u l-benefiċċji taż-żamma u l-ipproċessar tad-data miġbura mill-awtoritajiet tat-taxxa jiġu massimizzati;

43. JINNOTA li sat-30 ta' Ġunju 2024 il-Kummissjoni għandha tkun evalwat l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/1852 tal-10 ta' Ottubru 2017 dwar mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa fl-Unjoni Ewropea u tippreżenta rapport lill-Kunsill, li jista' jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva;
44. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromponi inizjattiva dwar qafas ta' konformità kooperattiv tal-UE biex tiġi ffaċilitata u promossa l-konformità mar-regoli tat-taxxa għan-negozji, abbażi ta' kooperazzjoni, fiduċja u trasparenza akbar fost l-awtoritajiet tat-taxxa, filwaqt li titqies il-ħidma rilevanti fl-OECD;

VII. Koordinazzjoni tat-taxxa fl-UE: Governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha

45. JINNOTA l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Governanza Tajba tat-Taxxa fl-UE u lil hinn minnha tal-15 ta' Lulju 2020 u JTENNI l-importanza tal-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fl-UE u lil hinn minnha u l-kontinwazzjoni tal-ħidma b'suċċess li saret s'issa fil-kuntest tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) inkluż b'rabta mal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkoooperawx għal finijiet ta' taxxa li għandhom ikomplu jiġu segwiti u msaħħa, fejn meħtieġ;
46. JILQA' d-diskussjoni dwar ir-reviżjoni tal-mandat li bdiet matul il-Presidenza Ġermaniża; JAPPROVA t-triq 'il quddiem magħżula għad-diskussjonijiet li għaddejjin fil-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi); ITENNI r-rieda tiegħu li jkompli jiddiskuti l-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat hekk kif ikun hemm żviluppi rilevanti fil-livell internazzjonali iżda mhux aktar tard mill-bidu tal-2022 u JAQBEL li d-diskussjoni li għaddejjja dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat għandha tkopri wkoll karatteristiċi tas-sistemi tat-taxxa li għandhom applikazzjoni ġenerali u li jista' jkollhom effetti dannużi;

47. ITENNI r-rwol importanti li jaqdi l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) appoġġat mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u bl-assistenza tas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx, li wassal għal riżultati konkreti bbażati fuq approċċ kooperattiv ma' pajjiżi u ġuriżdizzjonijiet terzi u JITLOB biex ikompli l-ħidma tiegħu u JENFASIZZA l-importanza tat-trattament ġust fl-UE u fir-rigward ta' pajjiżi u ġuriżdizzjonijiet terzi f'dan ir-rigward u ta' djalogu kontinwu mal-pajjiżi terzi kif ukoll mal-OECD;
48. JENFASIZZA l-importanza li l-Grupp u l-President tiegħu jkollhom djalogu kontinwu ma' atturi internazzjonali bħall-OECD jew il-ġuriżdizzjonijiet ikkonċernati fil-kuntest tal-ħidma li għaddejja dwar il-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni regolari u konsistenti;
49. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Ġermaniża u JAPPROVA r-rapport kif jinsab fid-dokument 13151/20 u ADD 1-5;

VIII. Dikjarazzjonijiet konklużivi

50. IFAKKAR fl-appoġġ tal-UE għal azzjoni deċiżiva fir-riforma globali bbażata fuq il-kunsens tal-aktar kwistjonijiet urġenti fl-oqsma tat-tassazzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa u fir-rieda tagħha li tiegħu azzjoni xierqa fil-livell tal-UE u lil hinn, kif deskritt f'dawn il-konklużjonijiet;
51. JILQA' l-progress li sar s'issa, JAPPROVA r-rapport tal-ECOFIN lill-Kunsill Ewropew dwar kwistjonijiet ta' taxxa kif jinsab fid-dokument 13017/20 u JAFFERMA l-kontinwazzjoni tal-ħidma fil-Kunsill fuq dik il-bażi; JITLOB lill-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tal-Kunsill dwar kwistjonijiet ta' taxxa biex iwettaq segwitu koerenti ta' dawn il-konklużjonijiet, filwaqt li jqis il-ħidma rilevanti f'organizzazzjonijiet u f'fora internazzjonali oħra (inkluż il-G20 u l-OECD) u jiffaċilita l-integrazzjoni ta' prijoritajiet usa' fil-qasam tat-taxxa fir-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi;

52. JISTIEDEN lill-Kummissjoni Ewropea biex, abbażi ta' informazzjoni aġġornata u wara li twettaq analiżi teknika, konsultazzjonijiet pubbliċi u valutazzjonijiet tal-impatt rilevanti, tippreżenta proposti leġislattivi rilevanti lill-Kunsill, bil-għan li jiġu indirizzati l-prijoritajiet tal-politika tat-taxxa kif stabbiliti f'dawn il-konklużjonijiet.
-